**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2019**

**Rikors Guramentat Numru:- 2/2017 (JVC)**

**Francine Cini**

**Vs**

**Domenic Zammit**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li ppremettiet:

(i) Illi hija u l-konvenut kellhom relazzjoni ghal ghadd ta' snin u mil-liema relazzjoni twieldu zewg ulied, li ghadhom minuri, cioe' Ylenia li twieldet fit-tlettax ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (13.08.2010) u Raisa li twieldet fid-disgha u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tlettax (29.04.2013), ahwa Zammit Cini;

(ii) Illi matul l-imsemmija relazzjoni, il-partijiet gemmghu ammonti sostanzjali ta' flus ghall-imsemmija wlied u ddepozitaw l-istess fi tliet poloz li kienu nizjalment gew intestati f'isem l-attrici u li iktar tard gew intestati f'isem il-konvenut;

(iii) Illi l-policies in kwestjoni huma s-segwenti:
1. Child Saving Plan – FP 483945;
2. Comprehensive Flexi Plan – FP 463241; u
3. Single Premium Plan – FP 463195, bl-ewwel wahda tappartjeni lill-minuri Raisa Zammit Cini, filwaqt illi l-ahhar tnejn jappartjenu lill-minuri Ylenia Zammit Cini;

(iv) Illi kurrentement, l-ammonti globali kontenuti fl-imsemmija poloz jammonta ghal xejn inqas minn cirka tmienja u erbghin elf ewro (€48,000);

(v) Illi llum il-gurnata r-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet giet terminata, u l-attrici thoss illi jkun idoneu illi tenut kont tac-cirkostanzi, il-kontroll fuq l-ammont ta' flus investiti kif fuq spjegat ikun vestit fiz-zewg genituri;

(vi) Illi nonostante l-ghadd ta' interpellazzjonijiet min-naha ta' l-attrici f'dan is-sens, il-konvenut dejjem baqa' inadempjenti, bis-sitwazzjoni prezenti tkun wahda fejn il-konvenut ghandu l-pjena opportunita' li jigbed b'facilita' l-ammonti nvestiti ghall-ulied minghajr l-ebda konjizzjoni tal-attrici dwar dan.

(vii) Illi l-attrici tixtieq illi, in vista tal-fatt li l-ammonti nkluzi fil-poloz ikunu ntestati f'isem iz-zewg partijiet, u mhux unikament f'isem il-konvenut;

(viii) Illi l-attrici ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara illi l-flus investiti fis-segwenti poloz:
Child Saving Plan – FP 483945;
Comprehensive Flexi Ploan – FP 463241; u
Single Premium Plan – FP 463195 jappartjenu liz-zewg partijiet;

(ii) Tordna li l-poloz fuq indikati jigu ntestati f'isem iz-zewg partijiet, biz-zewg partijiet ikunu allura meqjusa bhala policy owners;

(iii) Tipprefiggi terminu li matulu ghandu jsir dan it-tibdil, bin-nomina ta' kuraturi deputati fl-eventwalita' ta' kontumacja da parti l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Domenic Zammit fejn ikkonferma:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi peress illi t-talbiet jikkoncernaw lill-minuri u wlied komuni, it-talba kellha ssir f'din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala "Sezzjoni Familja".

2. Illi l-esponenti jaqbel illi f'din ir-relazzjoni kien hemm dawn l-ulied komuni. Jaqbel ukoll illi hemm l-investimenti msemmija.

3. Illi pero' l-imsemmija nvestimenti saru kollha mill-esponenti u minn flus li qala' l-esponenti u li kellu l-pjacir jikteb fuq uliedu. L-unika flus li ma gewx mill-esponenti kienu c-children's allowance kif ukoll xi donazzjonijiet ta' flus li kienu jinghataw l-minuri f'okkazzjonijiet bhal birthdays jew festi.

4. Illi kien ghal din ir-raguni (u cioe' li l-maggorparti tal-flus gew minghand il-missier) illi l-partijiet qablu li dawn l-investimenti jsiru f'isem il-missier ghan-nom ta' wliedu. It-tmiem tar-relazzjoni bejn il-partijiet bl-ebda mod ma ghandha tbiddel dak li kienu ftehmu fuqu l-partijiet meta l-anqas il-gid tal-minuri ma jitlob xorta ohra.

5. Illi ma jkunx gust li l-investimenti jigu ntestati f'isem l-attrici meta l-kontribut ta' din huwa wiehed minimu jekk ezistenti. Sabiex kulhadd ikollu mohhu mistrieh jista' facilment ikun hemm ordni tal-Qorti li l-investimenti ma jintmessux qabel l-ulied ikunu maggorenni, u jekk mhux bl-awtorizazzjoni tal-Qorti; izda dawn ghandhom jibqghu f'isem il-konvenut ghan-nom ta' wliedu.

6. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Domenic Zammit li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza u in eccezzjoni.

   Salvi eccezzjonijet ulterjuri.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza;

Rat illi fil-verbal ta' nhar is-7 ta' Frar, 2019 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-qosor il-fatti huma li f'xi zmien bejn l-attrici Francine Cini u l-konvenut Domenic Zammit kien hemm relazzjoni minn liema twieldu zewgt itfal li llum ghadhom minuri. Skont l-attrici tul ir-relazzjoni kienu nfethu poloz bir-referenza FP463195, FP463241 u FP483945 fejn fihom bdew jigu ddepozitati flus li l-minuri kienu jaqilghu fil-maghmudija, birthdays, rigali li kienu jinghataw lill-minuri kif ukoll ta' kull sena kienu jithallsu l-premium tal-poloz. F'xi zmien, skont l-attrici, dawn il-poloz kienu fuq isem l-attrici pero' sussegwentament dawn gew trasferiti fuq isem l-konvenut Domenic Zammit. Jirrizulta mill-atti li tnejn biss mill-poloz imsemmija kienu originarjament f'isem l-attrici u nqalbu filwaqt li t-tielet wahda minn dejjem kienet f'isem Domenic Zammit (ara affidavit a fol. 49 ta' Dr. Annalisa Debono u d-dokumenti annessi). L-attrici tammetti li minn meta hi u l-konvenut temmew ir-relazzjoni taghhom fis-sena 2014 dawn il-poloz baqghu jithallsu unikament mill-konvenut Domenic Zammit pero' dan jispjega fix-xhieda tieghu li huwa bidel l-ammont tal-'premium' taghhom minn wiehed ta' elfejn ewro (€2000) fis-sena ghal dak ta' erba' mija u tmenin ewro (€480) fis-sena stante li fi kliemu ma setax ilahhaq ma' l-ammonti akbar. L-attrici fethet il-kawza odjerna fis-sena 2017 sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-flus investiti fil-poloz in kwistjoni jappartjenu liz-zewg partijiet u tordna li dawn ghandhom jigu ntestati f'isem iz-zewg partijiet.

**Eccezzjoni preliminari**

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi trattata l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Qorti u dana peress li skont l-konvenut t-talbiet kellhom jigu ntavolati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja u mhux fis-Sezzjoni Generali kif fil-fatt sar. Dan peress li t-talbiet jirrigwardjaw lill-minuri u wlied komuni taghhom.

Illi l-**Ligi Sussidjarja 20.20 Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim Awla tal-Qorti Civili u il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja)** fir-regolament numru 9 tal-Iskeda Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-

Qrati Civili jistipula li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha ghandu jkollha zewg Sezzjonijiet, b'dawn ikunu:

i. Is-sezzjoni tal-Familja;
ii. Is-sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali.

Illi r-regolament 4 tal-istess skeda jelenka dawk il-kawzi li ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili fis-Sezzjoni tal-Familja, b'dawn ikunu:

> 4. Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':
>
> (a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili;
> (b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;
> (c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;
> (d) l-Att dwar il-Zwieg; u
> (e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.

Illi referenza ghandha wkoll ssir ghar-regolament 7 tal-istess skeda li jistipula li d-diskrezzjoni f'liema sezzjoni ghandha tigi assenjata kawza hija fdata f'idejn ir-Registratur tal-Qorti. It-test ta' dan ir-regolament jghid is-segwenti:

> 7. Bla hsara ghal kull regola tal-qorti jew ta' xi regolament, il-kawzi ghandhom jigu assenjati lis-sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili mir-Registratur skond il-kategorija li l-kawza tkun taqa' tahtha.

Illi fuq dan ir-regolament u l-eccezzjoni din il-Qorti sejra tikkwota mis-sentenza bic-citazzjoni numru: 17/2008 fl-ismijiet **A vs B** deciza mill-Imhallef Anthony Ellul nhar id-9 ta' Dicembru 2008 fejn il-Qorti qieset is-segwenti:

> '6. Skont l-istess regolamenti hu r-Registratur li ghandu jassenja l-kawza lis-sezzjoni *"...skond il-kategorija li kawza tkun taqa' tahtha."* (Regolament 7). Pero' effettivament dak li

qieghed jigri fir-realta' hu li l-avukat li jirredigi r-rikors guramentat jindika quddiem liema sezzjoni ghandha tinstema' l-kawza, u r-Registratur jassenja l-kawzi skont dak li jkun gie dikjarat fir-rikors guramentat. Il-kategorija li kawza tkun taqa' tahtha m'hijiex necessarjament dik li tigi ndikata mill-avukat li jirredigi l-att gudizzjarju, u r-regolamenti ma jghidux li r-Registratur hu marbut b'dak li jkun gie dikjarat fir-rikors li bih ikun inbeda l-procediment. Tant hu hekk li l-istess regolamenti jipprovdu li fejn hemm nuqqas ta' qbil f'liema sezzjoni ghandha tigi assenjata kawza, il-kwistjoni ghandha tigi riferuta lill-Prim' Imhallef li ghandu jiddeciedi liema sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza. Il-Qorti tal- Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri hi wahda, li mbaghad hi maqsuma f'zewg sezzjonijiet skont in-natura tal-kawza. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din il-kawza taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri. Id-dubju hu quddiem liema sezzjoni ta' din il-qorti ghandha tinstema' l-kawza. Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex materja ta' kompetenza *ratione materiae*, ghaliex il-kawza giet prezentata quddiem il-qorti kompetenti (Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri). Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenut m'hijiex gustifikata. Il-fatt li kawza tigi assenjata lil sezzjoni u mhux ohra, m'ghandha qatt taghti lok sabiex il-qorti li lilha tigi assenjata l-kawza taghti decizjoni li m'hijiex kompetenti *ratione materiae* u bil-konsegwenza li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan iktar u iktar meta tqis li skont ir- regolamenti hu d-dmir tar-Registratur li jassenja l-kawzi lis-sezzjonijiet differenti ta' qorti, u r-regolamenti jipprovdu x'ghandu jsir f'kaz ta' nuqqas ta' qbil lil-liema sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza.'

Illi f'din il-kawza titratta poloz li jsejhu lill-konvenut Domenic Zammit ghalkemm *ex admissis* saru fl-interess tal-minuri. Ghalhekk f'dan il-kaz

mhux neccessarjament wiehed qed jitkellem fuq prorpjeta' tal-minuri stante li legalment il-poloz jappertjenu lil Domenic Zammit u mhux lill-minuri. Tant hu hekk li l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li l-poloz jappertjenu liz-zewg partijiet u mhux lill-minuri! Fi kwalunkwe kaz, fid-dawl tal-insenjament fuq citat, lanqas li kieku din il-Qorti kellha tikkunsidra li kien hemm zball fis-sezzjoni din ma twassalx biex ikun hemm l-inkompetenza tal-Qorti *ratione materiae*. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Mertu**

Illi mill-atti b'mod partikolari mill-affidavit ta' Dr. Annalisa Debono a fol. 49 u d-dokumenti annessi jirrizulta s-segwenti:

1. Poliza FP 463241 f'isem Domenic Zammit (hajja assigurata Ylenia Zammit Cini) li nfethet originarjament minn Francine Cini nhar is-16 ta' Marzu, 2011 u giet trasferita f'isem Domenic Zammit nhar it-8 ta' Jannar, 2014. (ara fol. 50)

2. Polza FP 463195 f'isem Domenic Zammit (hajja ssigurata Ylenia Zammit Cini) li nfethet originarjament nhar l-14 ta' Marzu, 2011 minn Francine Cini u trasferita f'isem Domenic Zammit nhar it-8 ta' Jannar, 2014. (ara fol. 51)

4. Polza FP483945 infethet minn Domenic Zammit nhar is-16 ta' Marzu, 2013 u sal-lum ghadha f'isem Domenic Zammit. (ara fol. 52).

Mill-istess dokumenti kkwotati jirrizulta li fis-sena 2017 kien hemm bdil fl-ammont tal-'premium' imhallas. Dan izda jirrizulta fir-rigward tal-ewwel u t-tielet poloz imsemmija aktar 'il fuq imma fir-rigward tat-tieni wahda dan ma johrogx car mill-istess dokumenti. Pero' Domenic Zammit fl-affidavit tieghu a fol. 65 u 66 tal-process jghid li huwa naqqas il-'premium' tal-poloz kollha minghajr distinzjoni ghas-somma ta' erba' mija u tmenin Euro (€480) fis-sena kull wahda.

Min-naha taghha l-attrici Francine Cini taqbel li mis-sena 2014 'il quddiem kien Domenic Zammit li dejjem hallas il-'premium' dovut fuq it-tliet poloz in kwistjoni.

Illi mill-atti jirrizulta li dak li ma jaqblux fuqu l-partijiet huwa dwar min hareg il-flus sabiex infethu originarjament il-poloz u min kien ihallas il-'premium' sakemm il-partijiet ma baqghux flimkien. Min-naha taghha l-attrici ssostni li kienet harget kwazi kollox hi u ommha ghajr xi ammonti zghar li skont hi hareg Domenic. Omm l-attrici tixhed l-istess bhall-attrici. Min-naha l-ohra Domenic Zammit isostni li ghajr xi rigali li kienu qalghu l-minuri u l-flus tac-'children's allowance', kien hu li kien izid il-flus mar-rigali ecc sabiex infethu u jithallsu l-poloz in kwistjoni kull sena. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet kompletament diversi bejn il-partijiet dwar id-derivazzjoni tal-flus kontenuti fil-poloz in kwistjoni. Tinnota wkoll izda li l-versjonijiet diversi jinvolvu l-perjodi bejn il-bidu meta l-poloz originarjament gew miftuha tnejn f'isem l-attrici u wahda f'isem il-konvenut f' Marzu, 2011 u z-zmien meta l-partijiet ma baqghux flimkien fis-sena 2014.

Illi mill-atti jirrizulta dubju serju dwar minn min, proprjeta' ta' min kienu u kif gew depozitati l-fondi in kwistjoni meta dawn infethu originarjament, anzi tista' tghid li din il-Qorti giet prezentata b'diversi xenarji li izda tista' tghid ma gew issopportati bl-ebda prova minn min qed jallega u cioe' l-attrici. Fl-atti wkoll ma tressqet l-ebda prova li tista' b'xi mod tista' tghin lill-Qorti tiddistingwi bejn l-ammonti li setghu gew mahruga mill-attrici u l-ammonti l-ohra li setghu gew mahruga mill-konvenut partikolarment ghall-perjodu bejn l-2011 u l-2014 stante li wara dan hemm qbil li l-ammonti kollha thallsu mill-konvenut Domenic Zammit. Li huwa cert mill-atti huwa li t-trasferiment taz-zewg poloz li originarjament kienu jsejhu lil Francine Cini sar bil-kunsens u buona volonta taghha. Fl-atti lanqas biss tressqet prova dwar kemm dawn il-poloz setghu kienu jiswew fil-mument li dawn gew trasferiti f'isem Domenic Zammit sabiex din il-Qorti possibilment tkun tista' taghmel xi distinzjoni bejn il-fondi allegatament mahruga minn parti jew minn ohra. In oltre l-attrici fl-atti ma taghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn il-polza ndikata bin-numru 3 suespost mill-ewwel giet intestata f'isem Domenic Zammit u baqghet dejjem f'ismu u allura jekk hux minnu dak li jsostni Domenic Zammit li dik infethet originarjament minnu u dejjem thallset minnu.

Illi fid-dawl ta' dak suespost, din il-Qorti ma tqisx li l-attrici rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi, cioe' l-grad tal-probabbli, lil din il-Qorti l-pretensjoni taghha li l-poloz in kwistjoni jappartjenu liz-zewg partijiet b'mod ugwali kif qed titlob fl-ewwel talba taghha. Din il-prova ma tirrizultax sodisfacjentement pruvata mill-atti w'ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tichad l-ewwel talba tal-attrici. Konsegwentement din il-Qorti mhijiex fil-posizzjoni li tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attrici stante li huma konsegwenti ghall-ewwel talba li ser tigi michuda.

Finalment il-Qorti taghmel referenza kemm ghall-hames eccezzjoni tal-konvenut li taqra kif isegwi:

*'Illi ma jkunx gust li l-investimenti jigu ntestati f'isem l-attirci meta l-kontribut ta' din huwa wiehed minimu jekk ezistenti. Sabiex kulhadd ikollu mohhu mistrtieh jista' facilment ikun hemm ordni tal-Qorti li l-investimenti ma jintmessux qabel l-ulied ikunu maggorenni, u jekk mhux bl-awtorizazzjoni tal-Qorti; izda dawn ghandhom jibqghu f'isem il-konvenut ghan-nom ta' wliedu.'*

kif ukoll ghall-ahhar verbal f'din il-kawza datat 7 ta' Frar, 2019 fejn il-konvenut issottometta:

*'li huwa ma jsibx oggezzjoni li jkun hemm ordni gudizzjarja li l-policy ma tigix surrendered qabel il-maturita' taghha purche' tibqa' intestata fuq isem Domenic Zammit ghan-nom tal-minuri. In oltre dispost li jintrabat b'ordni gudizzjarja fis-sena illi mal-maturita' tal-policies dawn imorru direttament ghand it-tfal f'kont fl-isem ta' l-ulied partikolari.'*

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, fl-ahjar interess tal-partijiet u ta' uliedhom il-hames eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha fis-sens li l-Qorti ser tghaddi sabiex taghti l-ordnijiet hekk kif maqbula maghhom mill-konvenut fid-decizjoni taghha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenut u taghmel taghha l-obbligazzjoni tal-konvenut kontenenti fil-verbal tas-7 ta' Frar, 2019 u tordna li, salv ordni diversa mill-Qorti kompetenti, il-poloz bin-numri FP 463241, FP 463195 u FP 483945, ghalkemm ghandhom jibqghu jsejhu unikament lil Domenic Zammit, tordna li dawn il-poloz ma ghandhomx jigu msarrfa qabel id-data tal-maturita' taghhom u tordna wkoll li mal-maturita' tal-poloz il-fondi kollha derivanti mill-istess poloz ghandhom direttament jigu depozitati f'kontijiet bankarji f'isem l-ulied partikolari msemmi/ja fil-polza partikolari (li sa dak iz-zmien ikunu maggorenni) accessibbli direttament mill-istess wild. Ghal dan il-ghan il-Qorti tordna notifika ta' din id-decizjoni lill-Bank of Valletta plc. u MAPFRE MSV Life p.l.c.

3. Tichad it-talbiet kollha attrici stante li mhux sufficjentement pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Fic-cirkustanzi, salv l-ispejjez gia hawn fuq decizi, l-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur